MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 324/2006

**Koporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta**

**vs**

**Martin Saliba u Robert Bonavia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti Malta Industrial Parks Limited ippremettiet:

Illi b'sentenza tal-31 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet fuq premessi, li kopja legali taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. A", liema sentenza ghaddiet in gudikat, din l-Onorabbli Qorti ddikjarat xolta u mahlula koncessjoni ewfitewtika moghtija mill-korporazzjoni attrici lill-konvenuti b'kuntratt tad-9 ta' Jannar 1991 fl-Atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli ta' porzjon ta' art f'Hal-Luqa tal-kejl ta' circa mija u sbatax-il metru kwadru (117m$^2$) u mmarkata bhala plots 492 sa 503 fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Luqa fil-waqt

li kkundannat lill-konvenuti Martin Saliba u Robert Bonavia jirrilaxxjaw l-imsemmija art lilhom koncessa in enfitewsi temporanja u jrodduha lill-korporazzjoni attrici fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti;

Illi skond it-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjes rilaxxjata mir-Registratur, hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. B" l-ispejjez ta' din il-kawza jammontaw ghal hames mija u wiehed u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm521.33) oltre l-VAT, fejn dovut, li jammonta ghal sittin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm60.35). Total ta' hames mija u wiehed u tmenin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm581.68);

Illi din is-sentenza qatt ma giet ezegwita u llum ghaddew aktar minn hames snin mill-jum li fih setghet tigi ezegwita. Inoltre, l-intimati Martin Saliba u Robert Bonavia ghadhom in okkupazzjoni tal-fond fuq imsemmi;

Illi *ai termini* ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Kap. 169) kif emendata bl-Att III ta' l-2004 hu pprovdut illi kull jedd jew obbligu li kien jispetta lill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta ghandu jvesti f'dik l-awtorita li ghandu jsemmi l-ministru responsabbli bhala l-awtorita minflok l-imsemmija Korporazzjoni attrici;

Illi permezz ta' l-Avviz Legali 360 ta' l-2004, il-Ministru responsabbli semma' lis-socjeta esponenti bhala l-awtorita kompetenti u permezz ta' l-Avviz Legali 361 ta' l-2004 ghadda lill-istess socjeta esponenti, bhala l-awtorita kompetenti, l-amministrazzjoni ta' diversi artijiet, fosthom l-art li kienet giet koncessa lill-konvenuti;

Illi ghalhekk is-socjeta esponenti assumiet l-obbligi u l-jeddijiet kollha li kienu jispettaw lill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta a bazi tal-precitata sentenza;

Illi s-socjeta esponenti ghandha interess li tezegwixxi din is-sentenza f'dan l-istadju;

Illi din is-sentenza ma gietx insinwata fir-Registru Pubbliku skond il-provvedimenti ta' l-Art. 239 tal-Kap. 12 u s-socjeta

esponenti ghandha interess li tali sentenza tigi hekk insinwata sabiex ikollha effett *erga omnes.*

Illi l-Avukat Katrina Borg-Cardona, ghan-nom u in raprezentanza ta' l-istess socjeta esponenti qieghda bil-gurament taghha tikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors;

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti talbet bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha (1) tawtorizza lis-socjeta` esponenti Malta Industrial Parks Limited sabiex tipprocedi bl-esekuzzjoni tas-sentenza pre-citata tal-31 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet "Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta vs Martin Saliba u Robert Bonavia" u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrulha opportuni; (2) tordna lir-Registratur jaghti nota ta' riferenza lin-Nutar Dottor Vincent Miceli li rcieva l-Att suriferit u dan a tenur ta' l-Artikolu 239(3) tal-Kap. 12.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-premessi tar-rikors gew ippruvati u bl-ebda mod ma gew ikkontestati, tant li s-sitwazzjoni baqghet l-istess wara d-decizjoni indikata.

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jirrizultaw gustifikati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti Malta Industrial Parks Limited** sabiex:

(1) tawtorizza lis-socjeta` esponenti Malta Industrial Parks Limited sabiex tipprocedi bl-esekuzzjoni tas-sentenza pre-citata tal-31 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet "Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta vs Martin Saliba u Robert Bonavia"; u

(2) tordna lir-Registratur jaghti nota ta' riferenza lin-Nutar Dottor Vincent Miceli li rcieva l-Att suriferit u dan a tenur ta' l-Artikolu 239(3) tal-Kap. 12.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------